MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 34/2005/1

**Paul Portelli**

**vs**

**William Portelli, u b' digriet tat-13 ta' Settembru 2005 gie nominat Dr. Mario Scerri bhala kuratur deputat**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Jannar 2006, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kundannat tirrifondi lill-attur is-somma ta' mitejn lira maltija (Lm200) rapprezentanti ammont illi l-attur hallas fl-interess u fuq

struzzjonijiet tieghek rapprezentanti d-drittijiet tal-periti gudizzjarji fil-kawza “Carmen Vella vs Dr. Alfred Grecg nomine” Citaz. Nru 58/1987 – liema ammont inti inqast illi tirrifondi minkejja illi gejt intereplalt ghaldaqstant mill-attur.

Dan bl-interessi fuq l-ammont dovut b’effett mid-data ta’ meta l-attur zborsa dawn il-flus fl-interess tieghek sad-data tal-effettiva restituzzjoni.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 t’April 2005 kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“ 1. Illi l-eccipjenti ghandu qabel xejn jinghata mill-attur l-indirizz u d-dettalji kollha ta’ fejn jinsab imsiefer dan William Portelli halli jkun jista’ jikkomunika mieghu;

2. Illi l-eccipjenti mhuwiex edott mill-fatti u ghaldaqstant jirrizerva li jaghmel risposta ulterjuri in kontestazzjoni tat-talba attrici wara li jkun ikkomunika ma’ l-imsiefer William Portelli u rcieva t-taghrif kollu mehtieg minghandu. Ikun opportun ghaldaqstant li l-eccipjenti jinghata zmien xieraq minn dan it-Tribunal halli jkun jista’ jagheml dan;

3. Illi *prima facie* t-talba attrici tinsab preskritta ai termini tal-artikoli 2149(d), 2156 (e)(f) tal-Kap. 16;

4. Illi fi kwalunkwe’ kaz l-eccipjenti jirrimetti ruhhu ghall-provi kollha u ghad-decizjoni ta’ dan it-Tribunal;

5. Fi kwalunkwe’ kaz l-ispejjez ghall-hatra ta’ kuratur *ad litem* ghandhom ikunu a karigu tal-attur;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Ra l-eccezzjonijiet ulterjuri, imressqa informalment permezz ta’ verbal fis-seduta tal-15.11.2005, l-ewwel li l-azzjoni hija ntempestiva stante li l-kawza fejn gie pprezentat ir-rapport peritali ghadha ghaddejja u t-tieni li dan it-Tribunal mhux kompetenti

Ra l-eccezzjoni ulterjuri informalment imressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-kuratur tal-konvenut fis-sens li l-ammont mhux dovut fl-interezza tieghu

Ha konjizzjoni tal-provi inkluzi dawk fl-atti tal-process tal-kawza *Carmen Vella vs Dr Alfred Grech nominee* li del resto t-Tribunal huwa familjari maghhom stante li l-gudikant sedenti kien wiehed mill-periti perizjuri fil-perizja msemmija fl-avviz tat-talba;

Qara bir-reqqa n-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-avukati tal-partijiet

Ikkunsidra

Sabiex tinghata kunsiderazzjoni xierqa kemm it-talba attrici kif ukoll il-hemel ta' eccezzjonijiet imressqa mill-kuratur tal-konvenut fl-istadji kollha tal-kawza, sahansitra anke wara l-gheluq tal-provi, tajjeb li qabel xejn jigu elenkati l-fatti kif jemergu mill-provi akkwiziti:

Fil-kawza fl-ismijiet *Carmen Vella vs Dr Alfred Grech noe* (Citazz Nru 58/1987) li tinstab pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, il-Qorti b'digriet tal-19.10.1995 ordnat li r-rapport tal-periti addizzjonali minnha mahtura jithallas provizorjament terz minn kull parti f'dik il-kawza u cioe' terz mill-attrici Carmen Vella, terz minn Paul Portelli, u terz minn William Portelli.

Paul Portelli mhux biss hallas sehemu izda fuq inkariku ta' William Portelli hallas ukoll is-sehem ta'dan tal-ahhar. Sussegwentement William Portelli rrifjuta li jirrimborza lil Paul Portelli, u dan wasslu biex jirrikorri quddiem dan it-Tribunal.

L-inkompetenza tat-Tribunal ma tqajjmitx *in limine litis* u ghaldaqstant strettament dan it-Tribunal l-anqas ghandu ghalfejn jiehu konjizzjoni taghha. Barra minn hekk, l-anqas tressqet b'mod formali imma tressqet biss permezz ta' verbal, ghalkemm mill-banda l-ohra t-Tribunal mhux marbut bis-soliti formalitajiet rikjesti mill-kodici tal-

procedura.  B'danakollu, ghal kull bwon fini jinghad mill-ewwel li din l-eccezzjoni mhix sostenibbli billi t-talba tal-attur tikkoncerna somma flus ta' inqas minn elf u hames mitt lira – massimu tal-kompetenza *rationae valoris* ta' dan it-Tribunal – li huwa hareg ghan-nom, fl-interess, u fuq talba tal-konvenut odjern William Portelli.  Din hija l-*causa petendi* , li bl-ebda mod ma tista' tinghad li tincidi fuq dak li ddecidiet l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati rigward l-ispartizzjoni provizorja tal-ispejjez bejn il-partijiet.  Dak li l-Qorti ddecidiet kien li kull parti thallas provizorjament terz mill-ispejjez tal-perizja *de quo*.  Dak li qieghed jitlob l-attur huwa l-hlas tal-parti tal-ispejjez li huwa hareg minghajr ma kien hekk obbligat li jaghmel mill-Qorti, fuq inkariku specifiku tal-konvenut.   Ghall-istess raguni, l-anqas jista' jinghad li l-azzjoni tal-attur hija intempestiva.  Imkien ma gie allegat, u wisq inqas ippruvat, li r-rifuzjoni kienet marbuta ma' xi kundizzjoni, bhall-eventwali decizjoni definittiva tal-Qorti dwar l-ispartizzjoni tal-ispejjez tal-perizja, jew ma' xi zmien.  L-anqas gie ppruvat li l-obbligu tar-rifuzjoni huwa sospiz b'xi terminu li ghadu ma ddekorriex.   L-anqas huwa ammissibbli l-argument li donnu jiddeduci implicitament il-konvenut fis-sens  li jista' jkun li fid-decizjoni ahharija taghha, il-Qorti tista' tikkundanna lil Paul Portelli sabiex ihallas l-ispejjez tal-perizja kollha hu, inkluz is-sehem ta' William Portelli.  Dan ghax, kif diga' spjegat, ma gie ppruvat l-ebda ftehim bejn il-partijiet li r-rifuzjoni hija marbuta ma' din l-eventwalita'.

Fit-tielet eccezzjoni  kontenuta fir-risposta tieghu, il-konvenut jghid li *prima facie*  jidher li t-talba attrici tinstab preskritta ai termini tal-artikli 2149(d) u 2156(e) u (f) tal-Kap 16.  Bir-rispett kollu, din hija eccezzjoni ghal kollox frivola u vessatorja,  ghax jidher evidenti mir-ricevuti tal-periti perizjuri esibiti a fol 22 u 23 li la ghadda l-perjodu ta' sentejn ikkontemplat fl-artiklu 2149(d) u wisq inqas dak tal-hames snin volut mill-artiklu 2156(e) u (f).   Din l-eccezzjoni ghalhekk qieghdha tigi respinta.

Il-konvenut fl-ebda wahda mill-eccezzjonijiet tieghu fuq imsemmija ma jallega, apparti l-preskrizzjoni, li d-debitu mhux dovut – anzi  fir-risposta tieghu huwa jirrimetti ruhu ghall-provi -  izda mbaghad fin-nota ta' sottomissjonijiet

tieghu – ipprezentata wara li nghalqu l-provi – il-konvenut kellu ripensament u eccepixxa li s-somma talvolta minnu dovuta mhux LM200 li tirraprezenta l-ispejjez totali tal-perizja, imma parti minnhom. Proprjament it-Tribunal mhux obbligat jiehu konjizzjoni ta' eccezzjoni li apparti ma saritx fil-forma rikjesta, inghatat fi stadju fejn il-provi kienu maghluqin u, jekk tigi kkunsidrata, jista' jigi vvjolat il-principju sagrosant tal-*audi alteram partem.* B'danakollu, independentement minn din l-eccezzjoni, huwa l-attur li jrid jipprova dak li jallega u mill-provi jemergi b'mod car li l-ispejjez globali tal-perizja jammontaw ghal LM200.48c u li William Portelli huwa obbligat biss li jhallas LM66.83 u ghalhekk hija biss din is-somma li ghandha tigi rifuza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba tal-attur billi jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' LM66.83 rapprezentanti r-rifuzjoni tal-ammont minnu mhallas fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut bhala sehemu mid-drittijiet gudizzjarji tal-periti fil-kawza *Carmen Vella vs Dr Alfred Grech nominee* pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u spejjez zewg terzi ghall-attur u terz ghall-konvenut William Portelli b'dan li l-ispejjez u drittijiet tal-kuratur tal-konvenut ihallashom provizorjament l-attur."

L-attur appella minn din is-sentenza u talab li din tigi riformata in bazi ghaz-zewg ilmenti minnu sollevati fil-kontestazzjoni taghha. Huwa jadduci bl-ewwel aggravju illi t-Tribunal ma kellux jiehu konjizzjoni ta' dik li hu jsejjah bhala "eccezzjoni" sottomessa f' Nota ta' sottomissjonijiet wara li nghalaq l-istadju tal-provi. "Eccezzjoni" din li hu jiddikjara li hija fattwalment infondata. Bit-tieni gravam jillanja li t-Tribunal messu ddecieda li l-interessi kellhom jiddekorru mid-data tal-hlas li sar minnu fl-interess tal-konvenut u, fl-aghar ipotesi, mid-data ta' l-ittra legali (14 ta' April 2005);

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tarax is-serjeta ta' l-ewwel aggravju. Huwa veru illi l-unici eccezzjonijiet ta' sustanza fil-konfront tat-talba attrici ghall-hlas kienu l-preskrizzjonijiet specifici sollevati imma b' daqshekk ma jfissirx illi r-riferenza li saret fin-Nota ta' sottomissjonijiet mill-kuratur tal-konvenut assenti ghad-digriet tad-19 ta' Ottubru 1995 kienet tammonta ghal xi eccezzjoni. Dan sa certu punt hu wkoll rikonoxxut mill-appellant fejn fil-korp tar-rikors ta' l-appell tieghu jghid li "l-konvenut proprjament lanqas qajjem eccezzjoni f' dan is-sens". Biex jinghad kollox imbaghad huwa dejjem kellu l-opportunita` jirribattiha fin-Nota responsiva tieghu (29 ta' Dicembru 2005) li giet intavolata wara dik tal-konvenut (6 ta' Dicembru 2005). Ma tarax allura kif jista' ragonevolment jilmenta minn lezjoni tal-principju ta' gustizzja naturali;

Din il-Qorti tirrileva fuq kollox illi ankorke ma kienx hemm eccezzjoni formali illi l-ammont reklamat ma kienx dovut fl-intier tieghu, kien dejjem jispetta lit-Tribunal illi, gjaladarba l-hlas mitlub kien kollegat ma' dritt ta' perizja f' kawza ohra, l-istess Tribunal jezamina l-atti ta' dik il-kawza l-ohra biex jara jekk it-talba hijiex gustifikata. Dan kien hekk mistenni minnu anke fil-kaz li l-konvenut ikun baqa' kontumaci. Ara **Kollez. Vol. XXIX P III p 35**;

Dan precizat, l-appellanti xorta wahda jikkontesta r-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal fuq l-istregwa tal-verbal tat-23 ta' Lulju 2004 fil-kawza l-ohra li jghid li "il-hlas ghandu jsir mill-konvenut Dr. Alfred Grech *nomine*";

Issa huwa apparentement ovvju illi dan il-verbal ma jirrispekkjax fedelment id-digriet anterjuri ta' dik l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Carmen Vella -vs- Dr. Alfred Grech *nomine*" (Citazz. Nru. 58/87) u minnha moghti fid-19 ta' Ottubru 1999. Fih infatti jinghad li "din in-nomina (ta' periti addizzjonali) billi giet mitluba mill-partijiet kollha l-Qorti tordna li tigi mhallsa mill-partijiet kollha". Ovvjament meta nghata dan id-digriet kien jaghmel sens in kwantu t-tliet kontendenti kienu permezz ta' noti separati talbu l-hatra ta' periti perizjuri (fol. 109, 111 u 113

fil-kawza l-ohra). Ovvjament ukoll, jidher li dan id-digriet intnesa ghal kollox mill-Qorti li emanatu u hekk ukoll mill-partijiet u l-avukati difensuri taghhom;

Fil-presenza ta’ dawn il-fatti maghrufa tinsorgi d-domanda jekk it-Tribunal kellux joqghod mat-termini ta’ dan id-digriet jew mal-verbal fuq espress tat-23 ta’ Lulju 2004;

Kif gja rilevat il-perizja giet nominata mill-Qorti fl-interess tal-kontendenti kollha fil-kawza l-ohra u ghalhekk kull parti kellha tikkontribwixxi ghall-ispiza relattiva ta’ l-onorarju tal-periti addizzjonali. Dan hu ben car mid-digriet tan-nomina taghhom. M’ hemmx allura kwestjoni illi t-Tribunal ghamel sewwa li segwa dan id-digriet u mhux ukoll il-verbal surreferit. Wara kollox hi disposizzjoni cara tal-ligi, ex-Artikolu 668 (3) tal-Kapitolu 12 illi “fil-kazijiet l-ohra kollha, hu mholli fid-diskrezzjoni tal-qorti li tiddeciedi, wara li tiehu b’ qies l-interess ta’ kull wahda mill-partijiet fil-kawza jekk, u fil-kaz, f’ liema proporzjoni, kull wahda mill-partijiet ghandha tikkontribwixxi ghall-hlas tad-dritt tal-periti”;

F’ din il-konkluzjoni taghha l-Qorti hi konfortata wkoll minn decizjonijiet anterjuri fuq din il-materja. Hekk jinghad illi “biex wiehed jara jekk in-nomina ta’ periti gudizzjarji tkunx saret fl-interess taz-zewg partijiet jew ta’ wahda minnhom, jehtieg li ssir riferenza ghad-digriet li bih gie nominat, fejn skond l-Artikolu 668 Proc. Civ. il-Qorti ghandha ssemmi min fost il-partijiet ghandu provvizorjament ihallas jew jiddepozita d-dritt tal-perit” (**Kollez. Vol. XLII P II p 909**). Din is-silta hi replika ta’ l-enuncjazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a **Vol. XXIII P I p 594**. In bazi ghal dak li ntqal l-aggravju dedott qed jigi michud;

Il-Qorti ssib pero` li ghad-dekorriment ta’ l-interess ghandha b’ sens ta’ gustizzja u tal-principju tad-dritt ekwitattiv, tvarja s-sentenza appellata fis-sens li fuq is-somma kif stabbilita mit-Tribunal dawn l-interessi jghaddu mid-data tan-notifika ta’ l-avviz (14 ta’ Settembru 2005). Dan b’ applikazzjoni ta’ l-Artikolu 1141 (2), Kodici Civili.

Ghal dawn il-motivi l-appell fil-meritu qed jigi respint u s-sentenza appellata kkonfermata, b' dan illi l-interessi fuq is-somma kanonizzata bid-decizjoni tat-Tribunal jibdew jghaddu mill-14 ta' Settembru 2005.  L-ispejjez tal-prezenti procedura jitbatew mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------